**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Gunju 2017**

**Talba Nru: 53/16 CZ**

**Tobacco Jewels SRL (RM 1313270)**

**vs.**

**Vascas Enterprises Ltd. (C 17826)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-17 ta' Frar 2016 li permezz taghha premettiet:

Illi s-socjeta' attrici tesponi bir-rispett illi hija kreditrici tas-socjeta' intimata fl-ammont ta' elfejn, tliet mija, sitta u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2, 386.48) liema ammont huwa l-bilanc dovut minn somma akbar mitluba ghal prodotti li s-socjeta' intimata xtrat minghand is-socjeta' attrici.

Peress li s-socjeta' intimata anki wara diversi interpellazjonijiet ghall-hlas tal-bilanc irrifjutat li thallas, is-socjeta' attrici qed titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex:

Jiddikjara s-socjeta' intimata bhala debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, tlett mija, sitta' u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2,386.48); u

Jordna s-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont dovut u cioe' l-ammont ta' elfejn, tlett mija, sitta' u tmenin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2,386.48).

Bl-ispejjez u bl-interessi kollha mitluba.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-16 ta' Marzu 2016, is-socjeta' konvenuta wiegbet:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi respinta fl-intier taghha mit-Tribunal bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u dan minhabba s-segwenti ragunijiet:

a) Illi skond ftehim milhuq bejn il-partijiet premessi l-oggetti mertu tat-talba odjerna kellhom jigu ritornati lis-socjeta' attrici u sostitwiti b'arloggi tal-istess ditta;

b) Illi in segwitu ghall-ftehim su-riferit is-socjeta' intimata kienet ippakkjat u ppreparat l-oggetti *de quo* sabiex, fuq struzzjonijiet tas-socjeta' attrici nnifisha, dawn jingabru minn rapprezentant tal-istess socjeta' attrici (**Dok A** anness);

c) Illi s-socjeta' attrici madankollu – u minkejja diversi *reminders* – baqghet qatt ma gabret l-istess oggetti illi kellhom jigu sostitwiti kif hawn spjegat (**Dok B** – korrispondenza relattiva);

d) Illi s-socjeta' attrici, minflok ghaddiet sabiex tonora u tezegwixxi l-ftehim ezistenti bejn il-partijiet kif dettaljat fir-risposta odjerna, ghazlet illi b'mod frivolu ghall-ahhar tiftah din il-kawza quddiem it-Tribunal.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta' attrici.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob somma ghal prodotti tal-fidda li qed tallega li nxtraw mis-socjeta' konvenuta, u li ghalihom is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx.

Illi mill-provi prodotti rrizulta s-segwenti:

Illi xehed **Helmut Buchner**, (fol. 34) direttur tas-socjeta' attrici li qal li r-rapprezentant taghhom Giorgio Lafiora kien tkellem ma' rapprezentanti tas-socjeta' kovenuta u qalilhom li s-socjeta' attrici per prassi kienet tiehu lura prodotti li ma kinux qed jinbieghu, izda dan kien isir bil-patt illi kull oggett li jittiehed lura, is-socjeta' konvenuta kellha tieghu oggetti ohra minfloku li jkun daqs tliet darbiet il-valur ta' l-oggett li jkun gie ritornat. Qal ukoll illi kien prova jikkomunika personalment ma' rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta, izda ma rnexxielux u fil-fatt baqa' qatt ma gabar il-prodotti li ma nbieghux. In **kontro-ezami**, ma qabilx illi l-ftehim kien illi s-socjeta' attrici kellha semplicement tiehu lura l-oggetti li ma jinbieghux, billi jirtirahom Sergio Lafiora.

Illi xehed ukoll **Mark Vassallo**, direttur tas-socjeta' konvenuta, li qal li kien gie fuqu certu habib tieghi Taljan Giorgio La Fiora u kien introducielu ditta ta' arloggi. Din id-ditta kien jisimha Tobacco Jewels. Is-socjeta' konvenuta iddecidiet li tordna xi arloggi u fl-istess hin pero' staqsewhom jekk kienux interessati li jiehdu wkoll xi fidda, li qalulhom jippruvawha, u jekk ma jkunux lesti li johduha jkunu lesti jibdluha ma' affarijiet ohra. L-arloggi kienu nbieghu kollha izda l-gojellerija ma bdietx timxi u ghalhekk kienu kkuntattjaw lil Giorgio La Fiora biex jaraw kif kienu ser jirritornaw din il-gojellerija. Fil-frattemp kienu bdew ihallsu parti mill-kont li kellhom. Kienu staqsew x'ser jaghmlu dwar il-gojellerija u staqsew ukoll jekk kienux ser jibaghtuha u fil-fatt ir-risposta kienet li ma kellhomx jibaghtuha pero' kellhom jigbruha min-naha tas-socjeta' attrici. Dejjem tkellmu ma' Giorgio La Fiora personalment. Baghtulhom hafna e-mails u kull darba kienu jghidulhom li kienu gejjin ghalihom u fil-fatt ma jigux. L-affarijiet li kellhom ituhom lura fil-fatt kienu jiswew iktar minn kemm huma kellhom ituhom bhala kont. Sal-elfejn u erbatax (2014), elfejn u hmistax (2015) kienu ghadhom qed jikkommunikaw maghhom pero' mbaghad ma semghu xejn iktar sakemm ircevew ittra minghand is-Socjeta' attrici. Qal li wara Giorgio la Fiora ma kien hemm hadd li kkommunika maghhom min-naha tas-Socjeta' attrici. Huma kull ma riedu kien li jiehdu oggetti li fil-fatt riedu bi bdil mal-affarijiet li riedu jirritornaw lura. Skond dan ix-xhud, minn dak li jidher minn Dok. E a fol 42 tal-process dak li kienu qed jghidu huma kien qed jigi

accettat. In **kontro-ezami** (fol. 52) qal li l-komunikazzjoni ma' Giorgio Lafiora qatt ma waqfet, u dan anke meta s-socjeta' konvenuta kienet bdiet tikkorrispondi direttament mas-socjeta' attrici. Ma qabilx illi kien hemm xi ftehim illi ghal kull ritorn, issir ordni ta' tliet darbiet iktar.

Illi xehdet ukoll **Alexandra Mifsud** (fol. 47), li qalet li hija Finance Manager fis-Socjeta' konvenuta. Qalet ukoll li dwar il-gojellerija kienu baqghu mas-socjeta' attrici li jekk din ma tinbieghx kienu jistghu jibdluhomlhom ma' arloggi. Wara ftit zmien, lejn il-Milied kienu ndunaw li din il-gojellerija ma kinitx tidher li ha tinbiegh fis-suq taghna u kienu baqghu maghhom li ha jibaghtulhom il-gojellerija lura. Qalulhom li kien ser jigi rapprezentant taghhom ghal dan il-ghan pero' qatt ma tfacca. Spiccaw bl-affarijiet li riedu nirritornaw lura u l-bilanc spicca b'tali mod li s-socjeta' attrici kellha tiehu madwar elfejn ewro (€2,000). Minbarra Giorgio Lafiora ma kien hemm l-ebda hadd iehor li kkommunika maghhom.

Illi xehed ukoll **Giorgio Lafiora** (fol. 63) li kien ir-rapprezentant ta' Tobacco Jewels u spjega kif kien mar ghand is-socjeta' konvenuta flimkien ma' Antonio Erdas biex ibieghu xi arloggi. Dwar il-fidda, qal li s-socjeta' konvenuta ma kinitx interessata fihom, izda jekk Erdas ried, seta' jibghat xi oggetti tal-fidda biex jarawhom. Sussegwentement saret il-konsenja ta' l-arloggi u l-fidda. Wara ftit jiem, rapprezentant ta' Vascas kien cempillu u qallu illi kienu ha jirritornaw il-fidda. Kien hemm certu Gianluca Mazzotti mis-socjeta' attrici pero' li sahaq li l-fidda kellha tinzamm ghand is-socjeta' konvenuta, ghaliex kien hemm prospetti li din tinbiegh. Ix-xhud ikkonferma illi l-ftehim kien pero' illi s-socjeta' konvenuta kellha tipprova dawn l-oggetti, u jekk ma jinbieghux, jigu ritornati. Sussegwement is-socjeta' attrici ma ridux jiehdu l-fidda lura minhabba li kienu jafu li b'dan kienu ha jgarrbu telf. Qal ukoll illi l-proposta a fol. 41 tal-process u cioe' li ssir ordni tliet darbiet ikbar minn kull oggett lil jigi ritornat, kienet biss proposta generika, u l-

ftehim originali mhux hekk kien, izda kien biss li s-socjeta' konvenuta kellha tipprova dawn l-oggetti. In **kontro-ezami**, ikkonferma li meta mar ghand is-socjeta' konvenuta kien ma' Antonio Erdas, u mhux wahdu. Qal ukoll illi dak iz-zmien l-arloggi kienu l-kummerc principali tas-socjeta' attrici u mhux il-fidda.

Illi t-Tribunal ikkonsidra s-segwenti:

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta tindirizza t-tip ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet, u cioe' permezz ta' din l-eccezzjoni s-socjeta' konvenuta qed tishaq illi l-oggetti tal-fidda in kwestjoni kienu qeghdin ghand is-socjeta' konvenuta bi prova, u mhux ghaliex inxtraw.

Illi mix-xiehda ta' dak li kien qed jitkellem ghas-socjeta' attrici ta' dak iz-zmien, Giorgio Lafiora, irrizulta illi dak iz-zmien il-ftehim kien illi dawn l-oggetti jigu ritornati jekk ma jkunux qed jinbieghu. Dan gie kkorroborat mid-direttur tas-socjeta' konvenuta, u anke minn impjegata ta' l-istess. L-argument li s-socjeta' konvenuta kellha tordna w tixtri tliet darbiet iktar minn dawk l-oggetti li kienet irritornat, fil-fatt kien tressaq l-ewwel darba bhala proposta generika minn Giorgio Lafiora hekk kif riportat fid-dokument a fol. 41 tal-process. Illi izda gie stabbilit illi l-ftehim originali ma kienx dan, u barra minn hekk, id-dokument a fol. 42 juri li s-socjeta' attrici kienet disposta tattwa dak li kien il-ftehim originali msemmi minn Lafiora, u cioe' li s-socjeta' attrici tilqa' l-oggetti ritornati u tibdilhom ma' arloggi ta' l-istess valur.

Illi t-Tribunal ra wkoll id-dokument a fol. 40, li fiha l-istess Sergio Lafiora kien qed jindika b'mod car, li l-persuna li kienet giet mieghu ghan-negozju f'Malta, u cioe' Antonio Erdas, mis-socjeta' attrici, kien ta garanzija illi jekk ikun hemm bejgh fqir ghal dawn l-oggetti tal-fidda, kien ser jghin lis-socjeta' konvenuta. Preciza anzi illi r-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta f'Malta ma jinsiex. Dan huwa konferma mill-aktar cara illi s-socjeta' attrici kienet impenjat ruhha, tajjeb jew hazin, illi tghin lis-socjeta' konvenuta, u, lit-Tribunal anzi qed jirizultalu illi huwa iktar probabbli li l-ftehim kien dak illi semma Giorgio Lafiora, milli dak avvanzat mis-socjeta' attrici.

Illi mill-atti, fil-fatt, ma jirrizulta minn imkien illi l-ftehim kien dak allegat mis-socjeta' attrici. Ghall-kuntrarju, jirrizulta illi l-ftehim kien dak allegat mis-socjeta' konvenuta; u dan mhux biss mix-xiehda imsemmija hawn fuq, izda wkoll mid-dokumenti partikolarment dawk misjuba a fol. 39 et seq., li juru illi dak allegat mis-socjeta' attrici kienet biss proposta maghmula minn Lafiora biex jintlahaq kompromess, izda mhux il-ftehim originali. Fil-fatt l-istess Lafiora, a fol. 41 jidher li qed jistaqsi lis-socjeta' attrici jekk kinitx propensa li taccetta l-proposta tieghu, haga li zgur ma kienx jistaqsi li kieku l-ftehim kien fil-fatt dak li allegat is-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk it-Tribunal jara li l-verzjoni moghtija mis-socjeta' konvenuta ghandha iktar mis-sewwa. Fil-fatt, oltre l-ewwel eccezzjoni li hija dwar ix-xorta ta' ftehim li kien hemm bejn il-partijiet, l-eccezzjonijiet l-ohra dwar il-fatti gew ukoll sostnuti.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jichad it-talbiet tas-socjeta' attrici. L-ispejjez ghandhom jithallsu kollha mis-socjeta' attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur